Verżjoni Elettronika

A.L. 127 tal-2024

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11A u 17 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Ministru responsabbli mill-industrija tal-kostruzzjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 623.09.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "approvazzjoni proviżorja", il-kliem "sottomessi mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Mejju 2024" għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolament prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I ma għandux jitwettaq minn kwalunkwe persuna jew entità sakemm l-imsemmija persuna jew entità ma tkunx kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' tali attività ta' servizz.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem ", sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2023" għandhom jiġu mħassra;

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem ", sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2023" għandhom jiġu mħassra; u

(d) fis-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Mejju 2024" għandhom jiġu mħassra.

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "minn ħames (5) membri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn mhux inqas minn ħames (5) membri u mhux aktar minn ħdax (11)-il membru".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-subregolament (1) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar applikazzjoni sottomessa skont dawn ir-regolamenti fi żmien sittin (60) jum mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni valida:

Iżda fil-każ ta' applikazzjonijiet li ġew sottomessi qabel il-31 ta' Mejju 2024, il-Kumitat għandu jiddeċiedi sal-31 ta' Diċembru 2024:

Iżda wkoll jekk il-Kumitat ikun jeħtieġ żmien addizzjonali, huwa għandu jinforma lill-applikant bil-miktub li d-deċiżjoni għandha tingħata fi żmien tletin (30) jum mid-data oriġinali li fiha kellha tingħata d-deċiżjoni.".